MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Numru 137/2001

**Illum 20 ta' Jannar, 2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Pierre Gravina**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Pierre Gravina ta' 22 sena bin Vincent u Francesca nee Salerna imwieled Tarxien u joqghod Tarxien – detentur tal-karta tal-identita' numru 208677(m) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Novembru 1999 u t-tlett xhur ta' qabel f'Hal Tarxien u f'bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c. wkoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post fi jew gewwa d-distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klubb, centru taz-zaghzagh jew post fejn jiltaqghu z-

zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijietl I ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (fol 11) u l-kontro ordni (fol 74);

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma ta' traffikar u pussess ta' droga eroina, liema pussess hu kwalifikat li nstab f'cirkustanzi "li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu" u bl-aggravju li r-reat sar f'post fi, jew gewwa, distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klubb jew centru taz-zaghzagh jew post li fih jiltaqghu l-istess.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-tficcija li l-pulizija ghamlet, kemm fuq il-persuna tal-imputat u r-residenza tieghu, l-ebda droga ma kienet instabet.  L-oggetti elevati kienu fil-fatt jikkonsistu f'acidu citriku, imqass, sikkina u flus, kif ukoll telefon cellulari li gie elevat minn fuq il-persuna tieghu, liema oggetti et sic ma jikkostitwux reati' fl-imputat ghall-akkuzi kontrih dedotti.

Il-kaz tal-prosekuzzjoni, fil-fatt, jistrieh interament u principalment fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u stqarrija ohra rilaxxjata minn persuna ta' nazzjonalita' taljana, liema zewg stqarrijiet gew guramentati quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Illli in propositu ghal dawn l-istqarrijiet l-ammissibilita taghhom hi indubitata partikolarment fuq l-iskorta tal-Artikolu 30A tal-Kap 101 li, b'eccezzjoni ghall-principju li konfessjoni ma tikkostitwix evidenza hlief kontra l-persuna li taghmilha u mhux ukoll kontra haddiehor (Artikolu 661 Kap 9), testwalment jipprovdi li "...meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat **u** kull xheida moghtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza" sakemm s-salvagwardja tal-volontarjieta' tad-dikjarazzjoni tkun tippersisti u d-dikjarazzjoni ma tkunx giet karpita b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.

Illi l-imputat meta xehed quddiem il-qorti irritratta parti mill-istqarrija li kien irrilaxxja u li kien kkonferma bil-gurament billi filwaqt li ammetta li kien tossikudipendenti cahad li qatt ittraffika d-droga. Ir-raguni ghal dan l-imputat spjegah filli qal li sempliciment 'beza' u mistoqsi jghid jekk il-biza ippersistit filwaqt li kkonferma l-istqarrija quddiem il-magistrat ikkummenta li dak il-hin hekk gietu f'rasu li jghid.

Illi fl-ambitu ta' stqarrijiet il-ligi tirrikjedi biss li tkun wahda volontarja u biex stqarrija ma tkunx volontarja trid tkun saret mill-imputat taht biza li jista' jsofri xi pregudizzju jew bit-tama li jikseb xi vantagg jew minhabba xi forma ta' oppressjoni bhala rizultat ta' intervent minn persuna ta' awtorita. Issa fil-kaz tal-istqarrija in dizamina m'hemm xejn x'jindika li ma gietx rilaxxjata volontarjament u jekk dan huwa l-kaz, kif din il-qorti qeghda tghid li hu, kien allura jinkombi fuq l-imputat li jipprova diversament. Hu pacifiku li din il-prova bizzejjed li tasal sal grad tal-probabbli. F'dan il-kaz, pero', l-imputat ma wasalx f'din il-prova ghaliex, u fil-fehma ta' din il-qorti, mhux sufficjenti l-esklamazzjoni 'bzajt' minghajr ma jkun hemm tangibilita u temporalita ghal din il-biza'.

Illi di piu' fil-kaz in disamina hemm l-istqarrija tal-persuna ta' nazzjonalita' taljana li jimplika direttament lill-imputat fit-traffikar u wkoll affermazzjonijiet tal-imputt nnifsu li

jindikaw li kien hemm 'sharing' bejnu u siehbu u dan apparti l-konferma tal-istqarrija minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn inqratlu u kkonfermha minghajr riservi.

Illi ghalhekk u mix-xhieda fl-assiem taghha din il-qorti m'ghandix esitazzjoni li tafferma li l-fatt ta' traffikar jinsab pjenament ippruvat u ftit jimporta jekk filwaqt li l-imputat gie arrestat instabitx droga fuq jew fil-post ta' residenza tieghu.

Illi dak li ma rrizultax mill-provi hi t-tielet akkuza li assolutament ma tirrizultax lanqas remotament, ukoll it-tieni fejn allura l-fatt li droga ma nstabitx tirrendi t-tieni akkuza inattendibbli u li ma tistax treggi fl-ottika tal-kwalifika illi d-droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

In vista ta' dan tiddeciedi li ssib l-imputt hati tal-ewwel akkuza izda mhux tat-tieni u t-tielet li minnhom tilliberah. Ghal fini ta' piena rat il-fedina penali netta tieghu u rat ir-regolament 4 u 5 tal-Avviz Legali 292/1939 u l-Artikoli 9, 10, 22(1)(a)(1B)(2)(b). Tikkundannah hmistax-il xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv. Tastjeni li tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjes fin-nomina ta' periti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------